**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 558/2021 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christabelle Chetcuti)**
**vs**
**Jason Attard**

**Illum 28 ta' Marzu, 2023**

**Il-Qorti;**
Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jason Attard ta' 45 sena, iben il-mejjet Gejtan u Josephine Attard xebba Calleja, imwieled l-Awstralja fl-24 ta' Ottubru 1975, residenti ġewwa fond bin-numru 3, Triq Santa Vivion, Santa Venera u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0498081M;

Akkuzat talli nhar il-1 ta' Settembru 2021 għall-ħabta ta' bejn it-02:55am u t-03:30am fl-inħawi ta' triq Birbal, Balzan u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Ikkommettejt serq ta' mobile phone ta' l-għamla I phone 7 plus minn vettura ta' l-ghamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni CJT-193 liema serq huwa aggravat bil-ħin u bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmi (€2,329.37c) għad-detriment ta' Cherise Farrugia Deguara;

2. Ħebbejt kontra Angela Kelly Warr sabiex tinġurjaha, iddejjaqaha jew jagħmel ħsara lil din il-persuna;

3. U aktar talli ikkaġunajt lil Claire Gauci Borda u lil Angela Kelly Warr biza' li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' tagħhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna oħra;

4. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, volontarjament matul il-lejl kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

5. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi soqt vettura bil-mutur ta' l-għamla Citroen bin-numru ta' reġistrazzjoni ECG376 b'nuqqas ta' kont, b'manjiera traskurata jew b'mod perikoluż;

6. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi soqt jew ippruvajt issuq jew kellek fil-kontroll tiegħek vettura ta' għamla Citroen bin-numru ta' reġistrazzjoni ECG376 fi tria jew f'post pubbliku ieħor meta ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi;

7. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi waqt li kont qed issuq vettura bil-mutur ta' għamla Citroen bin-numru ta' reġistrazzjoni ECG376 inqast li jkollok kontroll sħiħ jew ħallejt l-imsemmija vettura waħedha, bla ma ħadt prekawzjoni xierqa sabiex ma tiġix imċaqalqa sakemm kont nieqes jew ħallejt l-imsemmija vettura wieqfa fi tria u li setgħet kienet ta' inkonvenjent għall-pubbliku;

8. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi kellek fil-pussess tiegħek strument jaqta' u bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

9. U aktar talli fl-istess data, u ċirkostanzi waqt li kont qed issuq vettura bil-mutur ta' għamla Citroen bin-numrui ta' reġistrazzjoni ECG376 dħalt fi triq San Franġisk, Ħal-Balzan liema triq għandha sinjal illi turi li jindika li ma hemmx dħul (No Entry);

10. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 25 ta' Novembru 2020 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) preseduta mill-Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D. u li permezz tiegħu huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest b'diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix reat ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest;

Il-Qorti hija mitluba biex barra illi tapplika l-piena skond il-liġi, tipprovdi għas-sigurta' ta' Angela Kelly Warr garanzija taħt l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll toħroġ ordni ta' protezzjoni biex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni offiżi jew individwi oħra skond artikolu 412(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba biex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reat, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna l-imsemmi Jason Attard jibqa' jinżamm arrestat. Kif ukoll tordna li s-somma ta' tlett elef u ħames mitt Ewro (€3500) bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta skond ma jingħad fl-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti hija mitluba biex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem.

Rat id-dikumenti ippreżentati inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat, fedina penali ta' l-imputat, current incident report, bail conditions, kunsens ta' l-Avukat Ġenerali biex din il-kawża tiġi trattata sommarjament, xafra, stqarrija ta' l-imputat datata 01 ta' Settembru 2021, sett ta' stills, u żewġ footages.

Semghet il-provi; u

Rat l-Artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 261(c), (f), 270, 279(a), 339(1)(d), 251B(1), 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a)(2), 15A(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Liġi Sussidjarja 65.05 Taqsima II A (c) tal-Liġijiet ta' Malta ui l-Artikolu 68 tal-Liġi Sussidjarja 65.11;

Rat li fis-seduta datata 22 ta' Marzu 2023 l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha kif dedotti fil-konfront tiegħu u wara li l-imputat ngħata żmien opportun biex ikun jista' jirregola ruħħu, huwa wara li reġa' ġie mistoqsi mill-Qorti ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

## Ikkunsidrat:

Illi għal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet kollha il-Qorti m'għandiex triq oħra għajr li ssib lill-imputat ħati u dan in vista ta' l-ammissjoni ċara u inekwivoka ta' l-imputat Jason Attard. Iżda għal dak li jirrigwarda l-piena li għandu jingħata l-imputat il-Qorti qegħda tieħu in konsiderazzjoni l-ammissjoni mogħtija mill-imputat b'dan li l-Qorti ma kelliex għalfejn taħli iżjed ħin biex tiġbor il-provi.

**Decide:**

**Għaldaqstant u għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(c), (f), 270, 279(a), 339(1)(d), 251B(1), 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a)(2), 15A(1) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Liġi Sussidjarja 65.05 Taqsima II A (c) tal-Liġijiet ta' Malta ui l-Artikolu 68 tal-Liġi Sussidjarja 65.11, issib lill-imputat Jason Attard ħati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu tikkundannah għal perjodu ta' sentejn (2) priġunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal perjodu ta' erbgħa (4) snin mil-lum, kif ukoll inoltre ai termini ta' l-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti qegħda tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal żmien mhux inqas minn tmintax-il xahar mil-lum.**

**Il-Qorti mhux qed tordna l-konfiska tad-depożitu iżda ai termini ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qed tirrevoka d-digriet tal-ħelsien mill-arrest konċess lill-imputat b'digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 25 ta' Novembru 2020 u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imputat ħati Jason Attard.**

**Inoltre l-Qorti qed imponi Ordni ta' Trażżin ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta a favur Claire Gauci Borda u Angela Kelly Warr għal perjodu ta' tlett (3) snin taħt il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni tad-digriet imsemmi.**

**Il-Qorti spjegat lill-ħati Jason Attard il-portata ta' din is-sentenza ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Reġistratur**